**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Mejju, 2017

Rikors Nru : 573/16AL

AB

Vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. **Illi,** l-kontendenti konjugi kkontrattaw iz-zwieg ta' bejniethom fis-dsatax (19) ta' Lulju tas-sena elf, disgha mija wiehed u tmenin (1981) [*Dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala* ***DOKUMENT A*****]** u miz-zwieg taghhom twieldu zewg t'itfal, J u K, illum maggiorenni, nhar it-tmienja (8) ta' Dicembru, tas-sena elf, disgha mija u tnejn u tmenin (1982) u nhar it-tletin (30) ta' Marzu, tas-sena elf, disgha mija u tmienja u tmenin (1988) rispettivament;

2. **Illi,** huma gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali taghhom skont il-kondizzjonijiet stipulati mid-digriet tal-Onorabbli Qorti Civili (Sekond'Awla) datat hamsa (5) ta' Gunju, tas-sena elfejn u tlieta (2003), [*Dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala* ***DOKUMENT B***]; 

3. **Illi** l-imsemmija konjugi kienu nfirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn-Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha fil-hamsa (5) ta' Gunju, tas-sena elfejn u tlieta (2003) [*Dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala* ***DOKUMENT C***];

4. **Illi** jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, illi fir-rigward tal-obbligi tal-hlas tal-manteniment il-konjugi kienu iddikjaraw li ddekadew minn kull dritt ghall-manteniment minghand xulxin u stante wkoll illi z-zewg ulied tal-kontendenti konjugi llum huma t-tnejn maggiorenni ma' tezisti ebda obbligazzjoni legali ghall-hlas ta' manteniment ghar-rigward taghhom;

5. **Illi** ma hemm l-ebda prospetti raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti;

6. **Illi** ghalhekk il-kondizzjonijiet kontemplati fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista wkoll tal-fatt illi l-konjugi huma diga separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, mhuwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Talbet, a tenur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta, prevja s-smiegh tal-partijiet kif stipulat fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta, u wkoll sabiex tigi stabbilita l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet kontemplati fl-imsemmi Artikolu 66,B l-intimat jghid ghaliex lil din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif kontemplat fl-imsemmi Artikolu 66C.

Bl-ispejjez.

Rat in-nota tal-intimat, li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu u iddikjara li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintalqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur, b'dan li ma ghandu jigi addebitat b'ebda spejjez marbuta ma din il-procedura;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Jannar 2017;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta' Gunju 2003;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.